**23 ta' Marzu, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Maġġur Henri Sant Cassia et.

*versus*

Teresa Montebello et.

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Simulazzjoni — Kjamata fil-Kawża — Sentenza — Nullità.**

*Il-kwistjoni tar-realtà jew simulazzjoni ta' kuntratt ma tistgħax tiġi diskussa u deċiża jekk mhux fil-kontestazzjoni ta' dawk kollha li jkunu ħadu parti fih.*

*Hu veru illi l-Bord tal-Kera hu kompetenti biex jiddeċidi anki kwistjonijiet legali li d-deċiżjoni tagħhom tkun neċessarja għad-deċiżjoni finali fuq l-oġġett tal-kawża; imma dan jista' jsir kompatibbilment mar-regoli proċedurali u d-dispożizzjonijiet tal-liġi; u r-regoli proċedurali u l-prinċipji*

*fondamentali tar-rit ma jippermettux illi kwistjoni tan-natura u effett ġuridiku ta' att pubbliku jew kuntratt tiġi deċiża fil-kontradittorju ta' waħda biss mill-partijiet li dehru fih.*

*Għalhekk, meta quddiem il-Bord tal-Kera tqum kwistjoni ta' simulazzjoni jew le ta' kuntratt, li trid tiġi deċiża biex jiġi deċiż il-meritu quddiem il-Bord, dik il-kwistjoni ma tistgħax tiġi deċiża jekk fil-kawża ma jkunux parti dawk kollha li ħadu parti fil-kuntratt. U jekk il-Bord jiddeċidi dik il-kwistjoni fl-assenza ta' xi waħda mill-partijiet li kienu parti fil-kuntratt biex mbagħad jiddeċidi l-meritu tal-kawża li kellu quddiemu, u l-kawża tiġi appellata, l-uniku rimedju huwa li s-sentenza tiġi annullata u l-kawża tiġi rinvijata lill-Bord biex il-kwistjoni tiġi trattata u, jekk ikun meħtieġ għad-deċiżjoni finali tal-kawża, riżoluta, fil-kontestazzjoni anki tal-persuni l-oħra li kienu parti fil-kuntratt u ma humiex parti fil-kawża quddiem il-Bord.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġu awtorizzati jirriprendu pussess tal-fond adibit bħala forn 21 Old Theatre Street, Valletta, billi l-intimati ssullokaw il-fond mingħajr permess tas-sidien;

Rat is-sentenza ta' dak il-Bord tal-21 ta' Novembru 1961, li biha ddeċieda li l-intimati verament issullokaw il-fond mingħajr il-kunsens tas-sidien u konsegwentement laqa' t-talba, u għall-fini tal-iżgumbrament ta żmien xahar mis-sentenza; bl-ispejjeż kontra l-intimati; wara li kkunsidra;

Illi mill-provi jirriżulta illi l-fond "de quo" kien mikri oriġinarjament lill-ewwel raġel tal-intimata Teresa Montebello. Meta marad, kompliet hija permezz ta' żewġ lavranti u kompliet hekk anki wara, meta hija reġgħet iżżewġet; però, it-tieni raġel ma kienx jinqala' għal dan il-ġeneru ta' xogħol, li f'ċertu żmien waqaf għal kollox. Il-post mbagħad ġie rranġat, billi ndaħal ċertu Paolo Degiorgio, u ġie attivat mill-ġdid; u Degiorgio daħal bħala soċju. Inqalgħet xi kwistjoni fuq il-benefikati, u saret skrittura bid-data tal-14 ta' Ġunju 1948, fejn l-intimata Mon-

tebello u l-intimati l-oħra fl-inkwilinat iddikjaraw illi ma kellhomx dritt għal ebda kumpens fuq dawk il-benefikati. L-intimata Teresa Montebello tgħid li f'dik l-okkażjoni hija kienet qal'et lir-rikorrent Henri Sant Cassia li qegħdha taċċetta dan il-ftehim purkè hu jirrikonoxxi lil Degiorgio bħala soċju, u Sant Cassia aċċetta, u l-iskrittura saret wara dak il-ftehim; huwa però ried illi l-kera jibqa' jieħdu minn għand Montebello. Hija tgħid li saret ukoll skrittura fejn Sant Cassia aċċetta lil Degiorgio bħala soċju; però din ma nstabetx wara l-mewt tal-Avukat Salvatore Xuereb, avukat tar-rikorrenti;

Irriżulta wkoll illi Degiorgio assoċja miegħu lil ċertu Francesco Zammit, u dan ġie rikonoxxut bħala assoċjat ta' Degiorgio mill-intimati skond att publikat minn Nutar Vella Galea tat-3 ta' Ottubru 1949. Aktar tard, ċjoè fil-11 ta' Lulju 1956. Degiorgio ċeda d-drittijiet tiegħu kollha lil Zammit. Zammit mbagħad beda jħallas lill-intimata Teresa Montebello £1 fil-ġimgħa bħala salarju lit-tifel tagħha u £35. 10. 0d kull tliet xhur, anki jekk il-profitt kien anqas f'xi żmien. Huwa dejjem ħallas dan l-ammont;

L-intimata għamlet ħafna enfasi fuq il-kunsens tar-rikorrent biex iddaħħal lil Paolo Degiorgio bħala soċju; u mix-xhieda ta' Dr. Micallef jidher li verament dan il-kunsens kien hemm. Il-biċċa, però, ma tieqafx hawn, għaliex Degiorgio mbagħad ċeda kollox lil Zammit; u fuq dan żgur li ma kien hemm ebda kunsens da parti tar-rikorrenti;

Il-kumpens, mbagħad. li beda jħallas Zammit lill-intimata juri wkoll li kien hemm sullokazzjoni, u li s-soċjetà ma kienetx ħlief ħaġa fittizja. Id-deċiżjoni ċitata mir-rikorrenti — Appell "Henri Sant Cassia vs. Degiorgio", 29 ta' Mejju 1943, u "Rachele Agius vs. Mercieca", 25 ta' April 1957 — huma t-tnejn applikabbli għall-każ. F'din il-kawża, bħal ma kien irriżulta fil-kawża fuq ċitata "Sant Cassia vs. Degiorgio", irriżulta illi qatt ma saret qasma ta' profitti, imma li Zammit dejjem ħallas l-istess, ċjoè £1 fil-ġimgħa bħala salarju lit-tifel tal-intimata u £35. 10. 0d kull tliet xhur. Ma jistgħax ikun illi l-profitt ikun dejjem invarjat. Barra minn dan, anki meta kien

hemm anqas profitt Zammit ħallas l-istess — ħaġa li hija kuntrarja għal kwalunkwe kunċett ta' soċjetà. Fil-kawża l-oħra, mbagħad, "Agius vs. Mercieca", il-Qorti tal-Appell kienet irriteniet illi l-kera seta' kien anki f'sehem mill-profitti tal-ġestjoni tal-ħanut, u ma għandux neċessarjament jikkonsisti fi ħlas perjodiku ta' somma determinata; u għalhekk, anki jekk wieħed joqgħod għat-termini ta' dak li ġie stipulat fl-attijiet tat-3 ta' Ottubru 1949, u mhux għal dak li verament sar, hemm dejjem sullokazzjoni;

Rat ir-rikors li bih l-intimati appellaw minn dik id-deċiżjoni u talbu li tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tal-appellati; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Id-deċiżjoni appellata hi prinċipalment bażata fuq il-motiv illi, kif deherlu l-Bord, is-soċjetà riżultanti mill-kuntratti tat-3 ta' Ottubru 1949 (fol. 8 u seq. tal-proċess) ma kienetx ħlief ħaġa fittizja, u fil-fatt ma kienetx ħlief sullokazzjoni;

F'dak il-kuntratti kienu parti, oltre l-appellanti, anki Paolo Degiorgio u Francesco Zammit, li f'din il-kawża ma huma bl-ebda mod rappreżentati, iżda dehru biss bħala xhieda;

Fil-fehma tal-Qorti il-kwistjoni tar-realtà jew simulazzjoni ta' dawk l-atti (li, in kwantu huma atti pubbliċi, jippruvaw dak li hemm fihom, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju — art. 629 Proċ. Ċiv.), ma setgħetx tiġi diskussa u deċiża jekk mhux fil-kontestazzjoni ta' dawk kollha li kienu parti fihom;

Ċertament, kif ġie ritenut minn din il-Qorti drabi oħra il-Bord hu kompetenti biex jiddeċidi anki kwistjonijiet legali li d-deċiżjoni tagħhom tkun neċessarja għad-deċiżjoni finali fuq l-oġġett tal-kawża. Anzi, kif osservat din il

Qorti fil-kawża "Mifsud vs. Mifsud", 15. 5. 1959 (għad li mhux b'riferenza għal deċiżjonijiet tal-Bord), "bħala regola ġenerali huwa deżiderabbli illi, meta dan jista' jsir kompatibbilment mar-regoli proċedurali u d-dispożizzjonijiet tal-liġi, l-inċidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f'kawża jiġu diskussi u deċiżi fl-istess ġudizzju, għall-ekonomija ta' żmien u spejjeż, u għas-skans ta' possibbli konflitti ta' ġudikati";

Iżda l-kliem sottolineat jindika appuntu l-limitazzjonijiet tar-regola ġenerali. Ir-regoli proċedurali u l-prinċipji fondamentali tar-rit ma jippermettux illi kwistjoni tannatura u l-effett ġuridiku ta' att publiku jew kuntratt tiġi deċiża fil-kontradittorju ta' parti waħda biss li dehret fih. Huwa evidenti illi l-prova kuntrarja li tista' twaqqa' l-preżunzjoni stabbilita mill-imsemmi art. 629 Proċ. Ċiv. jeħtieġ li ssir fil-kontestazzjoni tal-kontraditturi leġittimi, u dawn huma dawk kollha li kienu parti fl-att. B'hekk mhux biss jiġi rispettat il-prinċipju tal-ġustizzja naturali li jiġi mismugħ min hu direttament milqut bid-deċiżjoni, iżda wkoll jiġi evitat il-perikolu ta' ġudikati konfliġġenti;

Għalhekk, meta qamet fil-ġudizzju l-kwistjoni tassimulazzjoni jew realtà tas-soċjetà, il-ġudizzju, għall-finijiet tad-deċiżjoni tagħha, ma kienx integru. Dan ma hux difett li jista' jiġi rimedjat f'din l-istanza bil-kjamata filkawża tal-imsemmijin Degiorgio u Zammit; u l-uniku rimedju huwa li s-sentenza appellata tiġi annulata u l-kawża rimessa lill-Bord;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tannulla s-sentenza appellata. u tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Bord biex il-kwistjoni fuq imsemmija tiġi trattata u, jekk ikun meħtieġ għad-deċiżjoni finali tal-kawża, riżoluta, filkontestazzjoni anki tal-persuni fuq imsemmija;

L-ispejjeż tal-prima istanza jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali; dawk ta' dan l-appell jibqgħu mingħajr taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru, li jitħallas bin-nofs.